

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 508/2009**  
**tal-15 ta' Ġunju 2009**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandardi għat-taqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)<sup>(1)</sup>, u partikolarmen l-Artikolu 121(e) tiegħu flim-kien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008<sup>(2)</sup> il-laboratorji nazzjonali ta' referenza għandhom jgħaddu lill-Bord tal-Esperti, qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena, ir-riżultati tal-kontrolli relatati mal-monitoraġġ tal-kontenut tal-ilma fil-laħam tat-tjur stabbilit f'dak ir-Regolament.
- (2) F'gieh l-armonizzazzjoni, huwa rakkmandabbli li l-laboratorji nazzjonali ta' referenza kollha jużaw l-istess mudelli u l-istess indirizz meta jittrasferixxu d-dejta lill-Bord tal-Esperti.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 543/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 543/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (a) fl-Artikolu 18(1), it-tieni subparagraphu jinbidel b'dan li ġej:

“Qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena, il-laboratorji nazzjonali ta' referenza għandhom jgħaddu r-riżultati tal-kontrolli msemmija f-paragrafu 1 permezz tal-formola stabbilita fl-Anness XIIa għal dan ir-Regolament. Ir-riżultati għandhom jiġu ppreżentati lill-Kumitat ta' Ġestjoni għall-istħarriġ skont l-Artikolu 195 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.”

- (b) Jiżdied l-Anness XIIa ġdid, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

Membra tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 157, 17.6.2008, p. 46.

ANNESS

"ANNESS XIIa

## Prodotti msemmija fl-Artikolu 18 (1)

Dejta ta' kontroll għall-karkassi sħaħ tat-tiġieġ mill-1.1.2..... – 31.12.2.....

## Isem tal-Istat Membru

(\*) Annessi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008

(\*\*) Piż – piż medju ta' 7 karkassi [g]

(\*\*\*) Telf f'Taqfir – telf medju tal-ilma f' % ta' 20 karkassa

Biex tintbagħat lil: AGRI-C4-ANIMAL-PRODUCTS@ec.europa.eu

Dejta ta' kontroll għall-karkassi tat-tiġieġ mill-1.1.2..... – 31.12.2.....

**Isem tal-Istat Membru**

| Kampjun<br>Nru tal-ID | Speċi (*)<br>Tip ta' qatħat | Produttur<br>Nru tal-ID | Tkessiħ Metodu (**) | Ilma<br>(W <sub>A</sub> ) % | Proteina<br>(RP <sub>A</sub> ) % | Proporzjoni<br>Ilma/Proteina | Limitu mir-<br>Regolament | Aktar mil-Limitu<br>X | Azzjoni |
|-----------------------|-----------------------------|-------------------------|---------------------|-----------------------------|----------------------------------|------------------------------|---------------------------|-----------------------|---------|
|                       |                             |                         |                     |                             |                                  |                              |                           |                       |         |
|                       |                             |                         |                     |                             |                                  |                              |                           |                       |         |
|                       |                             |                         |                     |                             |                                  |                              |                           |                       |         |
|                       |                             |                         |                     |                             |                                  |                              |                           |                       |         |
|                       |                             |                         |                     |                             |                                  |                              |                           |                       |         |
|                       |                             |                         |                     |                             |                                  |                              |                           |                       |         |
|                       |                             |                         |                     |                             |                                  |                              |                           |                       |         |
|                       |                             |                         |                     |                             |                                  |                              |                           |                       |         |
|                       |                             |                         |                     |                             |                                  |                              |                           |                       |         |
|                       |                             |                         |                     |                             |                                  |                              |                           |                       |         |

(\*) T = It-Turkija, C = Tiġieġ

(\*\*) A = Tkessiħ tal-arja, AS = Tkessiħ b'raxx ta' arja, IM = Tkessiħ b'immersjoni

Biex tintbagħat lil: AGRI-C4-ANIMAL-PRODUCTS@ec.europa.eu"